MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-13 ta' April, 2007

Appell Civili Numru. 793/2002/1

**Mizzi Antiques Limited u Millennia Limited**

**v.**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Mejju 2004 li permezz taghha hija laqghet l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut

Kummissarju tal-Pulizija. Ghall-ahjar intendiment tas-sentenza odjerna, qed tigi hawn riprodotta fl-intier taghha s-sentenza appellata:
“Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-12 ta’ Lulju, 2002 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

“Illi nhar id-29 ta’ Ottubru, 2000, u nhar il-11 ta’ Frar, 2001, il-pulizija gieghlet lis-socjetajiet attrici jew min minnhom jaghlqu il-hanut “Millennia” li jinsab fi Triq Aldo Moro, Marsa.

“Illi l-permess tal-imsemmi hanut huwa f’isem is-socjeta` attrici Mizzi Antiques Limited filwaqt li s-socjeta` attrici Millenia Limited topera l-azjenda tal-istess hanut.

“Illi l-imsemmi hanut gie maghluq minghajr ebda raguni valida skond il-ligi stante illi s-socjetajiet attrici jew min minnhom kellhom l-licenzji kollha mehtiega inkluz dak mahrug mill-Kummisarju tal-Pulizija sabiex joperaw bhala hanut u kienu infurmaw lill-konvenut illi kienu ser jinzammu il-fieri fil-granet relattivi.

“Illi b’dan l-agir illegali u abbuziv l-atturi jew min minnhom sofrew danni ngenti materjali, liema danni ma gewx sofferti biss dakinhar li s-socjetajiet attrici jew min minnhom gew mgieghla jaghlqu il-hanut izda sahansitra fil-futur immedjat wara l-imsemmija granet, u dan ghaliex mhux biss sussegwentement s-socjetajiet attrici baqghu ma jifthux il-hanut nhar ta’ Hadd fuq ordnijiet tal-Pulizija Ezekkutiva sakemm inqatghet il-kawza fil-Qorti tal-Appell ppresduta mill-Onor. Imhallef Vincent Dagaetano nhar it-8 ta’ Frar, 2002, fl-ismijiet Pulizija vs. Desmond Mizzi, izda sofrew ukoll telf ta’ profitti addizzjonali in vista tal-fatt li b’paragun mal-gimghat precedenti fejn l-imsemmi hanut fetah nhar ta’ Hadd, il-bejgh relattiv naqas sostanzjalment.

“Illi inoltre fl-imsemmija dati, s-socjetajiet attrici kienu qed izommu fieri fil-fanut hawn fuq imsemmi, ghall-liema fieri s-socjetajiet attrici kienu dahlu fi spejjez sostanzjali, u ghalhekk d-danni li gew sofferti kienu ikbar.

"Illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu d-danni ngenti li gew sofferti mis-socjetajiet attrici, l-konvenut baqa' inadempjenti.

"Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-agir tal-konvenut fuq imsemmi kien illegali u abbuziv.

2. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni ngenti u telf ta' qliegh li gew sofferti mis-socjetajiet attrici frott ta' l-imsemmi agir.

3. Tillikwida d-danni kkagunati u telf ta' qliegh soffert mis-socjetajiet attrici f'somma li tista' tigi likwidata okkorrendo bl-operat ta' periti u esperti nominandi.

4. Tikkundanna lill-konvenut, ihallsu lill-istess s-socjetajiet attrici s-somma hekk likwidata u dikjarata bhala dovuta minnhom in linea ta' danni u telf ta' qliegh kif fuq imsemmi.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li huwa minn issa ngunti sabiex jidher ghas-subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetajiet attrici mahlufa minn Joseph Tabone ID 252869 (M) u l-lista tax-xhieda.

"Rat in-nota ta' l-eccezzjonijietipprezentata fl-14 ta' Ottubru, 2002 li permezz taghha il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija eccepixxa:

1. Illi c-citazzjoni ta' l-atturi hija irritwali u inammissibli *ratione temporis* ghaliex prezentata *fuori termine* is-sitt xhur li jipprovdi l-Artikolu 469A tal-Kap 12 subinciz (3) biex issir l-azzjoni biex jitwaqqa' eghmil amministrattiv u biex issir it-talba ghal danni konsegwenzjali.

Illi hija gurisprudenza kostanti ta' dawn il-qrati li dan il-perjodu msemmi huwa wiehed ta' dekadenza u mhux preskrittiv.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti c-citazzjoni hija inammissibli ukoll ghaliex trattandosi ta' sfida ghall-eghmil amministrattiv (u danni reklamati) m'hemm l-ebda talba fic-citazzjoni biex din il-Qorti tissindaka dan l-eghmil u jekk ikun il-kaz, dan ikun dikjarat null u minghajr effett.

3. Illi wkoll subordinament u minghajr pregudizzju skond l-istess artikolu fuq citat, ir-risarciment tad-dannu huwa ammissibli biss jekk, l-awtorita' amministrattiva, f'dan il-kaz il-konvenut, agixxa *in mala fede* jew b'mod mhux ragonevoli – certament li qatt ma kien il-kaz.

4. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet kollha precedenti, it-talbiet kollha tas-socjetajiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex l-eccipjent qeda id-doveri tieghu skond il-ligi biex is-socjetajiet imsemmija ma jiksrux il-ligijiet u r-regolamenti vigenti.

"Salvi eccezzjonijiet ohra permessi bil-ligi.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa mill-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo ID 324756 (M) u l-lista tax-xhieda.
"Rat l-atti processwali u l-verbal tas-seduta tad-19 ta' Jannar 2004 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

"Ikkunsidrat.

"Illi l-eccezzjoni hija fis-sens illi l-kawza ma gietx intavola entro s-sitt xhur imsemmija fl-artikolu 469A tal-Kap 12.

"Billi fic-citazzjoni ma hemmx indikat li l-kawza qed issir taht dan l-artikolu l-Qorti se tesamina jekk dan huwiex il-kaz. Is-socjeta` attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni illi l-agir tal-konvenut illi f'zewg okkazzjonijiet

gieghel lill-istess socjeta` attrici taghlaq il-hanut Millenia, il-Marsa kien illegali u abusiv u kundanna ghal hlas tad-danni konsegwenzjali.

"Id-definizzjoni ta' *eghmil amministrattiv* that is-subartikolu 2 tal-imsemmi artiklu hija;

'*Il-hrug ta' kull ordni, licenzja, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut …li jsir minn awtorita` pubblika.'*

"Il-fatt li l-atturi qed jitolbu d-dikjarazzjoni imsemmija fuq il-bazi li l-istess agir kien illegali jidher li jinkwadra ruhu taht is-subartikolu (1) meta jghid illi hemm gurisdizzjoni tal-Qrati meta l-eghmil in kwistjoni *ikun x'mod kontra l-ligi*. Ghalhekk l-ordni li taw il-pulizija lis-socjeta` attrici ghall-istess raguni taqa' taht l-artiklu imsemmi.

"Stabbilit dan, wiehed irid jara jekk l-eccezzjoni imsemmija ghandhiex tigi milqugha. Il-fatti huma li l-azzjoni giet intavolata fit-12 ta' Lulju 2002 meta l-ordnijiet imsemmija inghataw it-tnejn fid-29 ta' Ottubru 2000 u fil-11 ta' Frar 2001. Kwindi palesament ferm iktar minn sitt xhur qabel ma giet intavolata l-kawza. L-abbli difensur tal-atturi qed jargumenta illi l-atturi ma setghux jipprocedi b'din il-kawza qabel ma gie stabbilit mill-Qorti tal-Appelli kriminali illi huma ma kienux hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom mill-Pulizija fir-rigward tal-ftuh tal-hanut fil-granet pubblici.

"Bir-rispett kollhu l-Qorti ma taqbilx ma' dan. Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Co-op Services Limited vs Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku** deciza fil-25 ta' Settembru 2003;

*'Illum hu stabbilit li z-zmien ta' sitt xhur imsemmi fl-artikolu 469A tal-Kap 12 hu wiehed ta' dekadenza (ara sentenza G Zammit vs Awtorita` ta' l-Ippjanar PA 2-2-2000). Dan ifisser li tali terminu ma jigix interrot jew sospiz bhal ma jigri fil-kaz tat-terminu ta' preskrizzjoni. Fi kliem iehor l-atti gudizzjarji li normalment jitqiesu bhala tajbin biex jinterrompu l-perjodu preskrittiv, jew il-fatt li jkunu ghaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet wara li jkun sar l-*

*eghmil amministrattiv ma jservu xejn biex izommu l-moghdija ta' sitt xhur li ssemmi l-ligi.*

*'… il-Ligi ma tghidx li z-zmien jibda ghaddej minn meta l-parti interessata tircievi taghrif formali jew ufficjali miktub dwar id-decizjoni. Tghid biss li z-zmien ta' sitt xhur jibda jghaddi minn dak in-nhar li l-parti ssir taf jew messha ssir taf b'dak l-eghmil, liema data tigi l-ewwel'.*

"Illi ghalhekk f'dan il-kaz is-sitt xhur bdew ghaddejjin minn meta l-hwienet inghalqu ghaliex hu car li f'dak il-jum stess l-atturi kienu jafu diga' bl-ordni. Ebda fatt iehor, sija purament fattwali jew legali ma jista' jinterrompi jew jissospendi d-dekorriment ta' sitt xhur. L-atturi setghu liberament istitwew l-azzjoni fil-perjodu imsemmi, anke jekk imbghad il-Qorti setghet tissospendi s-smigh tal-kawza sakemm tigi deciza l-kawza kriminali, izda dan il-fatt u cioe' l-pendenza tal-proceduri kriminali certament ma interrompix il-perjodu imsemmi.

**"Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.**

**"Spejjez ghandhom jigu sapportati mis-socjeta` attrici."**

**<u>L-appell</u>**

**2.** Minn din is-sentenza appellaw is-socjetajiet attrici. Huma ghandhom bazikament zewg aggravji. L-ewwel aggravju hu fis-sens li, filwaqt li huma jirrikonoxxu li s-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 469A jippreskrivi terminu ta' sitt xhur, dan it-terminu, trattandosi ta' ghemil amministrattiv li qieghed impunjat bhala *ultra vires*, ma setax jibda jiddekorri mid-29 ta' Ottubru 2000 jew mill-hdax ta' Frar 2001 izda, skond huma, kellu jibda jiddekorri wara li giet deciza l-kawza mill-Qorti ta' l-Appell fit-8 ta' Frar 2002[1] ghax, skond huma, kien biss minn din l-ahhar data "…illi l-att amministrattiv seta' jigi meqjus u kkunsidrat konkretament u gustament bhala *ultra vires*."

[1] Ara kopja tas-sentenza a fol. 17 tal-atti.

Skond huma, ma setghux "…jiehdu r-risku illi jintavolaw il-kawza odjerna intempestivament minghajr ma jistennew l-ezitu tal-proceduri kriminali istitwiti kontra d-direttur taghhom stante illi li kieku l-istess direttur kien jinstab hati ta' l-akkuzi migjuba kontrih, zgur li ma kienx ikun hemm lok ghall-azzjoni odjerna ghaliex l-att amministrattiv jew l-ordni tal-konvenut kien ikun wiehed lecitu u entro l-parametri tal-ligi f'tali kaz." It-tieni aggravju hu fis-sens li d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti kienet skarna u mhux ben motivata.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Din il-Qorti ma tistax hlief tqis dana l-appell bhala wiehed altament fieragh u vessatorju. Jibda biex jinghad li, kwantu ghat-tieni aggravju, is-sentenza appellata hija sufficjentement motivata u indirizzat il-punt li kellha tindirizza, cioe` l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, illum appellat. Meta qorti tigi biex tidderimi vertenza, ma hux neccessarju fil-generalita` tal-kazijiet u meta ma jkunx hemm xi punt difficli jew novell ta' dritt li jkun qed jigi kkunsidrat, li s-sentenza tkun imtaqqla b'xi hafna referenzi ghal sentenzi u/jew awturi. Sentenzi ma humiex ezercizzji akkademici intizi ghall-pubblikazzjoni f'gurnali jew rivisti tax-xjenza forensi, izda huma intizi l-ewwel u qabel kollox sabiex, mill-aktar fis possibbli, jidderimu gustament u skond il-ligi kwistjoni bejn il-partijiet. Irid ikun hemm motivazzjoni ossia ragunijiet u anke certi elementi bazici; pero` l-Artikolu 218 tal-Kap. 16 – li jindirizza proprju r-rekwiziti bazici ta' sentenza – ma jirrikjedix aktar minn dak li effettivament wiehed isib fis-sentenza appellata. Dana l-aggravju ghalhekk huwa infondat.

Kwantu ghat-tieni aggravju, dana wkoll huwa altament fieragh. Apparti li l-appellanti, fic-citazzjoni taghhom, rabtu t-talbiet taghhom ma dati specifici meta nghata l-ordni – l-eghmil amministrattiv – li qed jigi impunjat (29/10/2000 u 11/2/2001), huwa principju baziku tas-sistema legali taghna li l-kawza penali u l-kawza civili, anke meta l-meritu jkun intrinsikament l-istess, jikkostitwixxu proceduri separati u distinti u dan, jekk mhux ghal xi haga ohra, minhabba l-grad differenti ta' prova li hu mehtieg fil-wahda

u fl-ohra.  Anke li kieku, ghall-grazzja ta' l-argument, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali waslet ghal decizjoni differenti minn dik li effettivament waslet ghaliha fit-8 ta' Frar 2002, u flok ma cahdet l-appell ta' l-Avukat Generali sabet lil Desmond Mizzi hati kif originarjament imputat, ma kien hemm xejn li jzomm lill-Prim Awla tal-Qorti Civili milli tasal ghal konkluzzjoni differenti ghall-finijiet ta' stharrig gudizzjarju skond l-Artikolu 469A tal-Kap. 16. Apparti minn hekk – ghalkemm dan huwa forsi punt marginali fic-cirkostanzi – il-proceduri penali fi grad ta' appell gew inizjati fuq appell ta' l-Avukat Generali wara liberazzjoni da parti tal-Qorti Inferjuri u s-subartikolu (4) ta' l-Artikolu 416 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li *"F'ebda kaz l-appell maghmul mill-Avukat Generali...ma jwaqqaf l-ezekuzzjoni tas-sentenza."*  Fi kwalunkwe kaz huwa evidenti li t-terminu ta' sitt xhur ghall-kontestazzjoni ta' l-ghemil amministrattiv *de quo* kellu jibda jiddekorri mid-data li fih l-appellanti saru jafu jew setghu jsiru jafu bih, u fl-ahjar xenarju ghall-appellanti – fl-ipotesi, li anqas ma qed tigi minnhom prospettata, li huma sal-11 ta' Frar 2001 ma kienux jafu bl-ordni li kien ta l-Kummissarju tal-Pulizija – huma ma setghux ma jkunux jafu b'dak l-ordni meta Desmond Mizzi gie liberat mill-Qorti tal-Magistrati fit-13 ta' Gunju 2001.  L-argument dwar il-"konkretizzazzjoni" ta' l-ghemil amministrattiv huwa semplicement tentattiv fjakk biex l-appellanti jipprovaw jaharbu mill-fatt inezorabbli li l-azzjoni taghhom giet prezentata tardivament.

**<u>Decide</u>**

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-appellanti.  U peress li dana l-appell huwa wiehed fieragh u vessatorju fis-sens ta' l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12, tikkundanna lill-appellanti li jhallsu lill-appellat l-ispejjez ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------